



Brussell, 17 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13585/22

JAI 1317
FRONT 365
MIGR 295
IXIM 240
SCH-EVAL 133
FREMP 211
COMIX 467

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 12430/22	
Suġġett:	Ċiklu ta' politika strateġika pluriennali għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri (EUIBM) - Konklużjonijiet tal-Kunsill (14 ta' Ottubru 2022)

Id-delegazzjonijiet isibu hawn taħt il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iċ-ċiklu ta' politika strateġika pluriennali għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri (EUIBM) approvati mill-Kunsill (Affarijiet Interni) fl-14 ta' Ottubru 2022.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar iċ-ċiklu ta' politika strateġika pluriennali
għall-Ġestjoni Integrata Ewropea tal-Fruntieri (EUIBM)**

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea,

Introduzzjoni

1. JISSOTTOLINJA r-rwol ewlieni ta' ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri (EUIBM) effettiva għall-funzjonament tajjeb taż-żona Schengen; JINNOTA li l-isfidi suċċessivi tat-terroriżmu, tal-migrazzjoni u tal-COVID-19 poġġew pressjoni fuq l-Istati Membri u fuq il-funzjonament taż-żona Schengen kollha kemm hi.

Aspetti ġenerali

2. JILQA' B'SODISFAZZJON d-dokument ta' politika tal-Kummissjoni li jiżviluppa politika strateġika pluriennali għall-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri (dokument ta' Politika EUIBM) bħala l-bażi għal diskussjoni mal-Parlament Ewropew u l-Kunsill.
3. IFAKKAR li wara din id-diskussjoni u fid-dawl tal-kummenti mill-Kunsill u l-Istati Membri tiegħu, il-Kummissjoni ser tadotta komunikazzjoni li tistabbilixxi l-politika strateġika pluriennali għall-EUIBM; JISSOTTOLINJA li iċ-ċiklu ta' politika strateġika pluriennali ta' 5 snin għall-EUIBM 2023-2027 ser jiġi kkomplementat mill-istrateġija teknika u operazzjonali li għandha tiġi adottata mill-Bord tat-Tmexxija tal-Frontex u l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri, bil-ħsieb li jiġu indirizzati b'mod effettiv l-isfidi attwali u futuri fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri u r-ritorn, inkluż il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, filwaqt li tiġi riflessa s-sitwazzjoni speċifika ta' kull Stat Membru, fost l-oħrajn il-partikolaritajiet ġeografiċi u ġeopolitiċi.

Prinċipji

4. JAPPROVA l-prinċipji ewlenin li jirfdu d-dokument ta' politika tal-EUIBM; JIPPROPONI li tiġi enfasizzata l-importanza tal-mudell ta' kontroll tal-aċċess b'erba' livelli bħala wieħed mill-prinċipji ewlenin fil-komunikazzjoni li tistabbilixxi l-politika strateġika pluriennali għall-EUIBM; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tibda diskussjonijiet dwar aġġustamenti possibbli għall-kunċett tal-IBM u l-mudell tiegħu ta' kontroll tal-aċċess b'erba' livelli fid-dawl tal-isfidi reċenti; JISTIEDEN lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-Frontex, biex telabora aktar il-kunċetti ta' ppjanar integrat u standards tekniċi tal-EUIBM.

Prijoritajiet ta' politika u linji gwida strateġiċi għall-komponenti tal-EUIBM

5. IFAĦĦAR lill-Kummissjoni għal-lista komprensiva ta' prijoritajiet ta' politika u linji gwida strateġiċi għall-komponenti tal-EUIBM; JISĦAQ fuq il-ħtieġa għall-prijoritizzazzjoni tal-prijoritajiet ta' politika u l-linji gwida strateġiċi fil-livell ċentrali u nazzjonali, fost l-oħrajn abbażi tal-analiżijiet tar-riskju mill-Frontex u r-riżultati tal-evalwazzjonijiet ta' Schengen u l-valutazzjonijiet tal-vulnerabbiltà.
6. IFAKKAR li l-għan ewlieni tas-sorveljanza fil-fruntieri għandu jkun biex ma jitħalliex li jsir il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri, li tiġi miġġielda l-kriminalità tranżnazzjonali u biex jittieħdu miżuri kontra persuni li jkunu qasmi l-fruntiera b'mod illegali.
7. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-prevenzjoni tal-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità tranżnazzjonali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiddedika attenzjoni partikolari għall-fenomeni reċenti, bħall-istrumentalizzazzjoni tal-migranti u theddid ibridu ieħor, il-ħolqien ta' metodi ġodda adottati min-networks ta' faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, il-pandemiji kif ukoll il-kunflitti armati fil-viċinat immedjat tal-UE; f'dan il-kuntest, JINNOTA li l-Istati Membri jistgħu jieħdu l-miżuri meħtieġa u proporzjonati biex jippreservaw is-sigurtà, il-liġi u l-ordni; IFAKKAR li dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont id-dritt tal-UE u dak internazzjonali relatati mal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali, b'mod partikolari l-prinċipju ta' non-refoulement, kif ukoll l-obbligu li jiġu rispettati d-drittijiet fundamentali.
8. JISSOTTOLINJA li l-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali hija parti integrali u essenzjali tal-EUIBM.

9. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jiġi implimentati s-sistemi l-ġodda tal-IT u l-interoperabbiltà fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntieri sabiex jiġi ottimizzat il-qsim regolari tal-fruntieri u tissaħħaħ l-effettività tal-kontrolli fil-fruntieri.
10. JISĦAQ fuq ir-rwol essenzjali tal-analiżijiet tar-riskju bbażati fuq il-Mudell Integrat Komuni għall-Analiżi tar-Riskju (CIRAM), filwaqt li dejjem jitqiesu s-sitwazzjonijiet speċifiċi tal-Istati Membri; JINKORAĠĠIXXI riflessjoni kontinwa dwar il-futur ta' kontroll fil-fruntieri bbażat fuq ir-riskju billi jitqiesu sfidi u strumenti ġodda, speċjalment sistemi ta' informazzjoni ġodda fuq skala kbira, l-interoperabbiltà u l-intelliġenza artifiċjali.
11. JISĦAQ fuq l-importanza tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu fil-prevenzjoni u l-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u l-kriminalità tranżnazzjonali u f'dan ir-rigward l-indirizzar tal-fatturi ta' spinta u ta' attrazzjoni tal-migrazzjoni irregolari u l-iżvilupp ta' sħubijiet operazzjonali kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali, f'konformità mal-pjan ta' azzjoni tal-UE kontra l-faċilitazzjoni ta' immigrazzjoni illegali (2021-2025) mġedded mill-Kummissjoni; JAPPELLA GĦAL approċċ aktar proattiv u operazzjonali rigward il-linji gwida strateġiċi rispettivi u l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi, b'mod partikolari permezz tal-MOCADEM.
12. JISĦAQ fuq l-importanza kruċjali tal-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-bini tal-kapaċitajiet operazzjonali tagħhom u ta' pajjiżi terzi li jikkonformaw mal-impenji tagħhom, fost l-oħrajn fl-oqsma tal-kontroll fil-fruntieri u r-ritorn u r-riammissjoni, b'kont meħud tar-rwol tal-Frontex.
13. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jiġi rikonoxxut li s-sorveljanza fil-fruntieri tista' titwettaq ukoll b'mezzi tekniċi, inkluż mezzi elettroniki, tagħmir, sistemi ta' sorveljanza u, fejn xieraq, it-tipi kollha ta' infrastruttura stazzjonarja u mobbli, f'konformità sħiħa mad-drittijiet fundamentali.
14. JISSOTTOLINJA li kwalunkwe standards minimi komuni għas-sorveljanza fil-fruntieri għandhom iqisu t-tip ta' fruntieri, il-livelli tal-impatt attribwiti lil kull sezzjoni tal-fruntiera esterna u fatturi rilevanti oħra bħall-partikularitajiet ġeografiċi.
15. JISĦAQ fuq il-ħtieġa li jitqiesu kif xieraq l-obbligi li jirriżultaw mid-dritt marittimu internazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-operazzjonijiet ta' tfittxija u salvataġġ, li jseħħu f'sitwazzjonijiet li jistgħu jinqalgħu matul operazzjonijiet ta' sorveljanza fil-fruntieri fuq il-baħar.

16. Biex tissaħħaħ l-effettività tas-sorveljanza fil-fruntieri, JISSOTTOLINJA l-importanza li jitqiesu wkoll sistemi żviluppati mill-aġenziji marittimi EMSA u EFCA kif ukoll il-ħtieġa għal koordinazzjoni msaħħa f'dan ir-rigward.
17. JISĦAQ fuq il-ħtieġa għall-kooperazzjoni bejn l-aġenziji rilevanti tal-UE sabiex tiġi pprovduta stampa tas-sitwazzjoni dwar il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntieri esterni u l-movimenti sekondarji mfassla biex jindirizzaw b'mod effettiv l-immigrazzjoni illegali u jiġġieldu l-kriminalità tranżnazzjonali, u billi jisfruttaw bis-sħiħ l-istrumenti pprovduti mir-Regolament EBCG; f'dan ir-rigward, JENFASIZZA wkoll il-potenzjal tal-EUROSUR, bħala qafas integrat għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-kooperazzjoni operazzjonali, u ta' sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira.
18. JENFASIZZA l-valur miżjud tal-UE tal-implimentazzjoni effettiva tal-komponenti tal-EUIBM; JISĦAQ li l-miżuri fi ħdan il-komponenti tal-EUIBM għandhom ikunu eliġibbli għal finanzjament mill-fondi tal-UE; IFAKKAR li s-solidarjetà ma għandhiex tkun ristretta għall-istrumenti ta' finanzjament tal-UE.
19. IQIS li t-taħriġ tal-gwardji tal-fruntiera huwa prekundizzjoni essenzjali għall-funzjonament tajjeb tal-fruntieri esterni; JIRRIKONOXXI l-importanza tal-attivitajiet ta' taħriġ żviluppati mill-Frontex u mill-awtoritajiet nazzjonali; fid-dawl ta' dan, JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tkompli timpenja ruħha mal-Frontex sabiex tkompli d-diskussjonijiet dwar il-ħolqien ta' kunċett ta' taħriġ komprensiv, inkluż id-detezzjoni ta' dokumenti foloz u ffalsifikati u ta' imposturi u l-kwistjoni tar-ritorn. Barra minn hekk, l-istabbiliment issuġġerit ta' ċentru ta' taħriġ tal-Frontex għandu jiġi kkunsidrat bir-reqqa wara valutazzjoni tal-impatt dettaljata u b'kont meħud tar-rwol tal-Akkademji ta' Sħubija attwali tal-Frontex.

Governanza

20. JISĦAQ li l-governanza taċ-ċiklu ta' politika strateġika pluriennali għandha tiġi integrata fiċ-ċiklu ta' Schengen, il-progress segwit fir-rapport dwar l-Istat ta' Schengen, u rieżaminata regolarment fil-Kunsill ta' Schengen, biex b'hekk jitrawmu sinerġiji u jiġu evitati duplikazzjonijiet.

Evalwazzjoni

21. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex iżżomm l-implimentazzjoni tal-politika strateġika pluriennali għall-EUIBM taħt rieżami regolari sabiex twieġeb malajr għal sfidi emerġenti ġodda.
22. IFAKKAR li erba' snin wara l-adozzjoni tal-komunikazzjoni li tistabbilixxi l-politika strateġika pluriennali għall-EUIBM, il-Kummissjoni ser twettaq evalwazzjoni bir-reqqa tal-implimentazzjoni tal-politika mill-partijiet ikkonċernati kollha fil-livell tal-UE u f'dak nazzjonali; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipprovdi, fil-komunikazzjoni tagħha li tistabbilixxi l-politika strateġika pluriennali, informazzjoni dwar il-metodu u l-kriterji għal din l-evalwazzjoni.

Konklużjoni

23. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tieġu kont tal-elementi msemmija hawn fuq, il-kummenti speċifiċi u l-proposti ta' abbozzar mill-Istati Membri kif ukoll l-Analiżi Strateġika tar-Riskju għall-2020 u l-2022 bil-ħsieb li sa tmiem l-2022 tiġi adottata l-komunikazzjoni li tistabbilixxi l-politika strateġika pluriennali għall-EUIBM.